**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-TLIETA 9 TA' LULJU, 2002

**Numru: 5**

**Avviz Nru: 521/02 AE**

**Executive Holidays & Business Travel**

**Vs**

**Costantino u Nicole Mairangas**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu d-ditta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mitejn u sebgha u sebghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm277.50), rapprezentanti bilanc mhux imhallas mil-prezz ta' servizzi turistici provduti lill-konvenuti fuq ordni

taghhom u liema debitu kien gie rikonoxxut mill-konvenuti permezz ta' cekk tas-socjeta Splendor Company Limited (HSBC Numru 413) iddatat 30 ta' Lulju 2001 izda gie ritornat lis-socjeta attrici bil-kummenti *'Payment countermanded'* u *'Refer to drawer'*.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-konvenuti (fol. 9) u li permezz taghha kkontestaw it-talba peress li d-ditta attrici ntrabtet li taghti servizzi in konnessjoni ma' vjagg u ma qdewx l-obbligi taghhom. Ghalhekk l-ebda somma mhi dovuta.

Semgha x-xhieda li tressqu mill-kontendenti.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. Mill-provi rrizulta li:

(a) Il-konvenuti ghamlu *booking* ghall-vjagg ta' hdax-il gurnata tramite d-ditta attrici.

(b) Il-hlas ghal dan il-vjagg kien ta' elf u sitta u sebghin lira Maltija (Lm1,076).

(c) Kienet id-ditta attrici li rrakomandiet lill-konvenuti fejn kellhom joqghodu waqt il-btala taghhom. Dan wara li ddiskutew maghhom it-tip ta' vaganza li riedu.

(d) Meta kien qieghed isir il-*booking* il-konvenuta kienet qalet lill-ufficjal tad-ditta attrici (Frank Dimech) li fir-rigward ta' l-akkomodazzjoni *"riedet xi haga fuq il-livell ta' Mistra Village"*. Kompla jghid: *"Irrid nghid illi l-Mistra Village ghandi esperjenza taghha, ghaliex kien hemm okkazjoni fejn jiena qghadt fiha. Jigifieri kont naf dwar xhiex kienet qeghda titkellem il-konvenuta"* (ara xhieda ta' Frank Dimech mogthija fis-seduta tal-14 ta' Gunju 2002). Fix-xhieda taghha l-konvenuta qalet: "jiena kont ghidtlu li rrid post tal-familja,

pero' ghidtlu car u to*nd illi ma ridt imkien li huwa inqas mill-Mistra Village li huwa four-star".*

(e) Il-vjagg kien jinkludi akkomodazzjoni f'appartament *Agriturisimo* (10 – 13 ta' Lulju 2001) u f'*bungalow* gewwa Peschiera del Garda (14 sal-21 ta' Lulju 2001) [ara Dok. FD1].

(f) Il-hlas sar permezz ta' erbgha cekkijiet [tlieta minnhom *post dated*] ta' mitejn u sebgha u sebghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm277.50) il-wiehed.

(g) Waqt li l-konvenuti kienu msefrin, kienu kkomunikaw mad-ditta attrici u lmentaw fuq it-tip ta' akkomodazzjoni u l-ambjent li kien hemm f'Peschiera del Garda. Jirrizulta li d-ditta attrici ma rnexxilhiex toffri rimedju ghall-ilment li kellhom il-konvenuti u ghalhekk kellhom jahsbu ghal rashom. Il-konvenut spjega li *"fil-kmamar tas-sodda ma kienx hemm ebda twieqi. Bhala ghamara kull ma kien hemm kienu komodina, sufan mghotti bil-plastik, mejda fuq barra u siggijiet"* (seduta tal-14 ta' Gunju 2002).

(h) Il-konvenuti ma qaghdux f'Peschiera del Garda u telqu minnufih.

2. Jirrizulta li l-konvenuti xtraw vjagg bazat fuq is-suggerimenti moghtija mid-ditta attrici. Din ta' l-ahhar assumiet l-inkarigu li tara x'tip ta' vjagg riedet il-familja Mairangas, u pproponiet il-postijiet fejn kellhom joqghodu l-konvenuti waqt il-btala. Jirrizulta bic-cjar li fl-ghazla taghhom il-konvenuti qaghdu fuq dak li gie suggerit lilhom. Fir-rigward ta' Peschiera del Garda, mill-provi rrizulta li l-ambjent u t-tip ta' akkomodazzjoni li sabu l-konvenuti ma kienx dak li riedu (ara f'dan ir-rigward ix-xhieda moghtija mill-konvenuti u wkoll ir-ritratti Dok. NM2). L-argument tad-ditta attrici li l-konvenuti kellhom *"limited budget"*, ma jfisser xejn. Irrizulta li l-ambjent u l-akkomodazzjoni f'Peschiera del Garda ma kenitx tal-livell li riedu l-konvenuti. Jekk id-ditta attrici kienet taf li bit-tip ta' *budget* li kellhom il-konvenuti ma setatx toffrilhom akkomodazzjoni fuq il-livell li riedu huma, messha

ghamlet dan il-fatt cjar. B'hekk il-klijent kien jitqieghed f'posizzjoni li jaghmel l-ghazla qabel ma jixtri l-vjagg, u mhux jitlaq minn Malta b'certu aspetattivi u jiskopri xenarju totalment differenti.

3. Mill-provi rrizulta li minhabba dan l-incident il-konvenuti dahlu fi spejjez zejda:

(a) Akkomodazzjoni alternattiva ghall-perjodu mill-14 sal-21 ta' Lulju 2001;

(b) Kiri ta' karrozza ghal dan il-perjodu peress li fejn marru kien fil-kampanja u maqtugh mill-abitat.

L-Att dwar Tribunal Ghal Talbiet Zghar jipprovdi li t-Tribunal ghandu jaqta' kull talba quddiemu *"principalment skond l-ekwita"* (Artikolu 7). Fid-dawl ta' dan il-provvedimenti, It-Tribunal ikkunsidra wkoll l-esperjenza qarsa li ghaddew minnha l-konvenuti, inkluz ukoll li parti mill-vaganza taghhom kellhom iqattghuha f'ambjent totalment differenti minn dak li

originarjament kienu ppjanaw. Fic-cirkostanzi partikolari t-Tribunal huwa tal-fehma li l-hlas pretiz m'huwiex dovut.

4. It-Tribunal irid jaghmilha cjara li b'din s-sentenza m'huwiex jinghad li d-ditta attrici ppruvat b'xi mod tinganna lill-klijenti. Sfortunatament huma hafna n-negozji li jikkunsidraw biss l-interess taghhom, dak li jbieghu. Ghalkemm id-ditta attrici ma jirrizultax li agixxiet b'din il-filosofija, m'huwiex accettabbli li twieghed haga u taghti ohra. Gialadarba d-ditta attrici bieghet vjagg li ma kienx tal-kwalita li ftehmu l-partijiet, ma tistax tippretendi li kollox jibqa' ghaddej qiesu xejn mhu xejn. Jekk ma kellhiex bizzejjed informazzjoni dwar it-tip ta' ambjent u akkomodazzjoni li kien hemm gewwa Peschiera del Garda, messha jew ghamlet iktar ricerka mal-agenti barra minn Malta jew inkellha ghamlitha cjara mal-konvenuti li ma kenitx f'qaghda li toffri t-tip ta' ambjent u akkomodazzjoni li kienu qeghdin ifittxu l-konvenuti.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jichad it-talba tad-ditta attrici u jilqa' t-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuti.

L-ispejjez jibqghu minghajr taxxa.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**

**Gudikatur**